**L-Atti tal-Inkjesta datata 19 ta' Novembru 2019, rigward skont it-Termini ta' Referenza ta' l-Inkjesta Pubblika dwar l-Assassinju ta' Daphne Caruana Galizia.**

**Seduta miżmuma llum l-Erbgha 30 ta' Settembru 2020, fid-9:30 a.m. fit-Tieni Sular, Awla 20, il-Qorti.**

Xhieda ta' **Martin Spiteri** iben Paul u l-mejta Giorgia nee` Cauchi mwieled il-Pieta` u residenti Pambroke bil-Malti u bil-gurament tieghu jghid :

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Sur Spiteri, inti illum is-Segretarju ta' l-Accountancy Board.

***Ix-Xhud :***
Iva.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
U kemm ilek f' din il-kariga?

***Ix-Xhud :***
Gejt appuntat fl-ewwel (1) ta' Frar 2011.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Inti di prefessjoni accountant nimmagina.

***Ix-Xhud :***
No minhiex.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Le?

***Ix-Xhud :***
No.

***Imhallef A Lofaro :***
X' inhi l-professjoni tieghek?

***Ix-Xhud :***
Jiena inginier by profession u ghandi masters in business administration.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Ok. ghandek xi domandi..

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Nahseb ser inkun konciza ta'..

***Imhallef A Lofaro :***
Ahjar ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
U ma ghandekx u qatt ma kellek xi relazzjoni jew konnessjoni ma' Nexia BT u dawn l-affarijiet hawn..

***Ix-Xhud :***
No. Sirt naf bihom mill-media primarjament u minn dawn l-affarijiet; u ovvjament mill-processi tal-Bord

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Ara Sur Spiteri ..

***Ix-Xhud :***
Ippermettuli ftit; issa qabel ma nixtieq nibda jiena nixtieq nigbed zewg punti lill-Onorevoli Qorti u jigwidawni huma; li kif tekellm ic-Chairman qabli; illi l-proceduri tal-Bord huma konfidenzjali.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Konfidenzjali, u ser nezentawk ahna.

***Ix-Xhud :***
Biex tezentawni.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Il-Bord jezenta lis-Sur Spiteri mis-sigriet professjonli ghal dak li jirrigwarda l-merti ta' din l-Inkjesta u l-Accountancy Board.

***Ix-Xhud :***
Imbaghad ghandi punt iehor fuq l-issue ta' illi l-kaz ta' Nexia BT u tal-kumpaniji sussidjarji u z-zewg warrant holders li huma Brian Tonna u Karl Cini huwa suggett ta' dixxipplina – ta' proceduri dixxipplinari u diga` huma

ikkontestati. Ghaldaqstant nixtieq nigbed l-attenzjoni li ma nafx jekk hux possibbli li nixhed bil-maghluq biex ma nippregudikax il-..

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Mhux ser insaqsuk daqshekk domandi li jistghu ....

***Ix-Xhud :***
Jiena gejt mitlub biex.. hadt parir, issa f' idejkom

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Ara Sur Spiteri, intqal illi kontu tlabtu l-parir ta' l-Avukat Generali fl-2016 fir-rigward ta' public interest kif tagixxu fuq public interest; u intqal lilna li l-Avukat Generali ta l-parir lilek u inti wassaltu lill-Bord. Tista' tispjegalna x' kien dan il-parir u x' intalab?

***Ix-Xhud :***
Sewwa. Ara, bazikament tista' immur daqsxejn iktar lura jiena. Minn meta gejt appuntat segretarju minn l-ewwel (1) ta' Frar 2011 kellna diversi kazi ta' warrant holders illi l-Board members hassew li ghandha tittiehed azzjoni kontra taghhom; li dawn kienu qeghdin kawzi l-Qorti. U l-Bord dejjem iddecieda abbazi ta' pariri legali minn diversi avukati li they range minn l-Avukat Generali sa ditti privati illi ghenu lill-Bord biex jittrasponi d-direttivi ta' l-EU f' ligijiet Maltin. Jigifieri kien hemm firms rinomati. Il-parir dejjem kien illi trid thalli l-process tal-Qorti jghaddi u anke jekk tigi deciza l-Qorti wiehed irid jistenna d-decizjoni ta' l-Appell qabel ma jagixxi l-Accountancy Board. Dejjem kienet dik il-pozizzjoni. Dik nista'..

***Imhallef A Lofaro :***
Pero` qatt kellkom kazijiet fuq allegat money laundering?

***Ix-Xhud :***
Kellna kazi fuq tixhim, kickbacks il-Qorti u nstab hati.

***Imhallef A Lofaro :***
Kienu PEPs dawn?

***Ix-Xhud :***
No.

***Imhallef A Lofaro :***
Ma kienux.

***Ix-Xhud :***
Iva iva, kien PEP ghax kien sindku ta' Local Council.

***Imhallef A Lofaro :***
Kien PEP.

***Ix-Xhud :***
U d-decizjoni kienet li biex ma niehdux azzjoni. Marret Appell din. L-Appell kien tefa' il-kaz barra mit-tieqa biex nghid hekk u rega' beda l-process mill-gdid. Eventwalment dan l-accountant gie illiberat.

***Imhallef A Lofaro :***
Issa l-Panama Papers qatt ma kellna kaz bhal dan.

***Ix-Xhud :***
No, le, il-Panama Papers ..

***Imhallef A Lofaro :***
Mela allura kien kaz differenti

***Ix-Xhud :***
Kien kaz differenti

***Imhallef A Lofaro :***
X' ghamiltu? Ghand min mortu? X' parir tlabtu?

***Ix-Xhud :***
Il-parir li gejna moghtija kien dejjem li rriedu.. kif ghetlek. Kif dejjem mexa il-Bord

***Imhallef A Lofaro :***
Jigifieri l-Panama Papers was treated no differently.

***Ix-Xhud :***
No.

***Imhallef A Lofaro :***
No.

***Ix-Xhud :***
No. Ghax id-drittijiet ta' l-individwi jibqghu l-istess irrespective minn ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Mela l-accountants huma priviligjati allura!

***Imhallef A Lofaro :***
Hekk tigi. Mhux bhall-avukati.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ghax jekk ikun skrivan mal-gvern jisraq lira jissospenduh u mbaghad naraw; ikun min ikun..

***Ix-Xhud :***
Le issa jien qed nghidlek fuq il-pariri li....

***Imhallef J Said Pullicino :***
Iva iva jiena qed nghidlek … jidher minn hawn illi qishom privilaggjati.

***Imhallef A Lofaro :***
…. ghandhom protezzjoni specjali.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Dawn l-accountants jistghu jibqghu jaghmlu x-xoghol li qed jaghmlu tajjeb u hazin, u jekk hu hazin ukoll, u ma jigrilhom xejn

***Imhallef A Lofaro :***
Sakemm tigi deciza minn l-Appell Kriminali.

***Ix-Xhud :***
Jiena li nista’ nghidlek.., le, naqbel mieghek. Jiena li nista’.. mhux naqbel mieghek, nifhem il-pozizzjoni tieghek. Jiena li nista nghid b’ certezza illi kien hemm diversi membri fil-Bord jaghmlu pressure illi minhabba il-public interest il-Bord ghandu jagixxi. Li gara ha parir legali l-Bord kemm fi zmieni..

***Imhallef A Lofaro :***
Minn ghand min?

***Ix-Xhud :***
…u kemm qabel..

***Imhallef A Lofaro :***
Ok. Minn ghand min? Tal-Panama Papers minn ghand min?

***Ix-Xhud :***
Minn ghand l-Attorney General u l-avukat tal-Bord .

***Imhallef A Lofaro :***
L-avukat tal-Bord tista’ tghidilna min hu please?

***Ix-Xhud :***
Dr Ivan Sammut. U l-Attorney General dak iz-zmien kien Dr Peter Grech.

***Imhallef A Lofaro :***
U t-tnejn qablu fil-parir hux? L-istess parir tawkom.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Il-parir bil-miktub?

***Ix-Xhud :***
L-istess parir.

***Imhallef A Lofaro :***
Bil-miktub?

***Ix-Xhud :***
Bil-miktub minn ghand l-avukat tal-Bord ghandna bil-miktub.

***Imhallef J Said Pullicino :***
U nahseb anke minn ghand l-Avukat Generali hux!

***Imhallef A Lofaro :***
U minn ghand l-AG?

***Ix-Xhud :***
Minn ghand l-AG jidhirli li kien hemm xi haga bil-miktub, imma li kien hemm niftakar meta…; ghax hawnhekk ser nigi ghal punt li gibditli.. il-mistoqsija li ghamlitli l-avukatessa, jiena niftakar illi meta jiena.. il-Bord kien iddecieda illi ma jiehux azzjoni, u kien hemm xi membri fil-Bord li ma kienux komdi b’ din id-decizjoni bhalma dejjem ikun hemm membri li ma jkunux komdi ghax dejjem jixtiequ illi l-Bord jiehu azzjoni fl-interess pubbliku. Issa li kien gara l-Bord kien talabni biex nitkellem ma’ Dr Peter…, le. Ir-raguni kienet li l-ligi kif inhi miktuba l-ligi llum...

***Imhallef A Lofaro :***
Biex tinbidel il-ligi mela.

***Ix-Xhud :***
U biex tinbidel il-ligi

***Imhallef A Lofaro :***
U mort ghandu. U x’ qallek?

***Ix-Xhud :***
Jiena mort … kif ghedt, meta tkellimt ma’ Dr Grech kien ra l-ligi u kien tani parir illi ahjar inhallu l-ligi kif inhi.

***Imhallef A Lofaro :***
Qallek ghaliex?

***Ix-Xhud :***
Ghax hija perikoluza li tibdilha

***Imhallef A Lofaro :***
Perlikoluza. Imbaghad tkellimtu ghal li jista’ jkun dwar jekk ghandkomx tiehdu azzjoni u tissospendu l-warrant?

***Ix-Xhud :***
Iva, u ..

***Imhallef A Lofaro :***
U x’ qallek l-Avukat Generali fuq dan il-punt?

***Ix-Xhud :***
Eh! issa fhimt. Iva jidhirli li tkellimt, mhux f’ dan il-meeting ghax f’ dan il-meeting li kien….

***Imhallef A Lofaro :***
Tibzax, f’ darb’ ohra.

***Ix-Xhud :***
Il-parir min-naha ta’ l-AG dejjem kien illi ma niehux azzjoni....

***Imhallef A Lofaro :***
Le, f’ dan il-kaz; f’ dan il-kaz tal-Panama Papers. F’ dan il-kaz  x’ kien il-parir ta’ l-AG?

***Ix-Xhud :***
Illi ma niehdux azzjoni. Kif ghedtlek, dejjem konsistenti minn ghand kull avukat illi kellima.

***Imhallef A Lofaro :***
Imma jien fuq l-AG qed nistaqsik.

***Ix-Xhud :***
Iva l-AG l-istess parir kien tana.

***Imhallef A Lofaro :***
Qallek ghax ikun perikoluz?

***Ix-Xhud :***
No no mhux perikoluz.

***Imhallef A Lofaro :***
Qallek ghax hekk irridu naghmlu, nistennew il-Qorti ta' l-Appell.

***Ix-Xhud :***
Qalli trid tistenna il-process tal-Qorti jghaddi. U fil-fatt sibt minuti ta' l-Accountancy Board ftit qabel ma ilhaqt segretarju jien, fejn dana c-Chairman ta' qabel Professor Peter Baldacchino li kien Mr Charles Rapa, kien gab numru ta' avukati biex jiddiskutu kif ser jimxu… mhux fuq Panama Papers hawnhekk..

***Imhallef A Lofaro :***
Qalilna diga`.

***Ix-Xhud :***
Fuq il-kaz li ghedtilkom qabel.

***Imhallef A Lofaro :***
Ehe, diga` qalilna.

***Ix-Xhud :***
U fil-fatt li rrizulta li kien hemm avukati minn din il-kumpanija ta' avukati; kien hemm l-avukat min-naha ta' l-AG, zewg avukati min-naha ta' din il-kumpanija legali li semmejt, u avukat min-naha ta' l-AG, u dawn qablu unanimament li ma ghandiex tittiehed azzjoni

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Pero` dan il-kaz tal-Panama Papers dan huwa xi haga ta’ importanza nazzjonali

***Imhallef A Lofaro :***
Differenti kien dan hux! U li qatt ma kient grat qabel.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Pero`, nonostante l-Pulizija damu erba’ snin sabiex jinvestigaw xi haga. Allura intom domtu erba’ snin ukoll sakemm tistennew? Toqghodu hemm?

***Ix-Xhud :***
Fil-fatt ahna kellna ..

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Meta intom ghandkom l-awtorita` illi tibdew investigazzjoni indipendentement minn kulhadd!

***Ix-Xhud :***
Imma jekk inti ghandek investigazzjoni ta’ Magistrat ghaddejja ..

***Chairman Imhallef M Mallia :***
M’ ghandek xejn ghaddej hawnhekk; wieqaf kollox.

***Imhallef A Lofaro :***
Kien ghad ma kienx hemm.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Domtu erba’ snin biex ghamlu xi haga. Anke ma kienx hemm investigazzjoni ghad. Ara kemm damet biex saret l-ewwel inkjesta bill-Magistrat! In the mean time x’ gara min-naha taghkom? Xejn.

***Imhallef A Lofaro :***
Ma tiehdux azjoni intom?

***Ix-Xhud :***
Il-pariri li kien hemm li..

***Imhallef A Lofaro :***
Mela allura ghaliex ghandna l-Accountancy Board hux nghid jien?

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Dejjem bl-isetss skuza – il-pariri li hadna, il-pariri li hadna.

***Imhallef A Lofaro :***
Il-pariri ehe. Issa irriduhom ta', kollha.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
B' kumbinazzjoni dawn il-pariri agevolaw lil min agevolaw

***Imhallef A Lofaro :***
Ezatt.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Sur Spiteri, inti ghedt li kien hemm membri li kienu joggezzjonaw u kienu jridu jimxu minhabba biex jipprotegu l-interess pubbliku.

***Ix-Xhud :***
Sewwa.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
L-oggezzjoni ta' dawn il-membri tkun minuted?

***Ix-Xhud :***
Iva. Ma nidholx f' dettalji ghax inkella ma tispica qatt. Dana meeting ..

***Imhallef A Lofaro :***
Imma li hemm xi membri qed joggezzjonaw …!!

***Ix-Xhud :***
Iva iva

***Imhallef A Lofaro :***
..trid tiktibha nahseb fil-minuti!!

***Ix-Xhud :***
Iva iva.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Mela nista' nitolbuk tiehu lista ta' dokumenti illi l-Bord diga` talab mic-Chairperson u nahseb li ahjar ikollok il-lista inti wkoll. Il-korrispondenza illi bghattu lil Nexia BT u r-risposta ta' Nexia BT

***Ix-Xhud :***
Korrispondenza li bghatna issa jigifieri?

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Iva.

***Ix-Xhud :***
Sewwa;

***Dr Therese Comodini Cachia :***
U dak li rcivejtu lura bhala…

***Ix-Xhud :***
U l-ittra li rcivejna minn ghandhom, all right.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Iva.

***Ix-Xhud :***
Korrispondenza ta' last Friday jigifieri.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Iva.

***Imhallef A Lofaro :***
Mela qabel qatt ma kkorrispondejtu maghhom? Qabel.

***Ix-Xhud :***
Il-Bord ikkorrisponda fuq kien hemm Quality Assurance review u fil-fatt anke sabu xi nuqqasijiet u ghamilna.. in-nuqqasijiet ippubblikajnihom ..

***Imhallef A Lofaro :***
Iva, dik ghandna bzonnha wkoll.

***Ix-Xhud :***
Dawk ukoll? All right

***Imhallef A Lofaro :***
Dik ghandna bzonnha wkoll iva.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Ir-rapport tal-Quality Assurance u l-korrispondenza

***Ix-Xhud :***
Sewwa. QAU report and correspondence..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Wiehed biss kien hemm minnhom dawn?

***Imhallef A Lofaro :***
Wahda biss ehe.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ma nafx.

***Imhallef A Lofaro :***
Hekk qalulna, li wahda.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Il-Quality Assurance Unit kemm-ir rapport hemm fuq Nexia BT u fuq Tonna u fuq Cini?

***Ix-Xhud :***
Dan l-Investigation Committee li hemm sa fejn naf jien

***Imhallef A Lofaro :***
Wahda hux?

***Ix-Xhud :***
Daka jiena minhiex segretarju tieghu; dak is-segretarju tieghu hija ..

***Imhallef A Lofaro :***
Imma l-iehor ma taf xejn fuqu?

***Ix-Xhud :***
Pardon?

***Imhallef A Lofaro :***
Taf fuqu imma x' gara.

***Ix-Xhud :***
Ghax jitilghu ghand il-Bord; imma ma nafx x' inhu ..

***Imhallef A Lofaro :***
Imma wahda kien hemm. Naqblu li wahda kien hemm?

***Ix-Xhud :***
Ehe ehe.

***Imhallef A Lofaro :***
U ilha li saret, le?

***Ix-Xhud :***
Giet konkluza two thousand … nahsem is-sena l-ohra 2019

***Imhallef A Lofaro :***
2019.

***Ix-Xhud :***
Meta hrigna r-reprimand. Ir-reprimand hareg f' Jannar

***Imhallef A Lofaro :***
2019, ok.

***Ix-Xhud :***
F' Jananr ehe; f' Jannar tat-20 hrigna r-reprimand 2019

***Imhallef A Lofaro :***
Reprimand.

***Ix-Xhud :***
Reprimand.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
M nafx kif inharget ir-reprimand.

***Ix-Xhud :***
Le le, ir-reprimand inharget fuq .. ghax ghandi..

***Imhallef A Lofaro :***
Ghax kien hemm xi nuqqasijiet, u qalulna.

***Ix-Xhud :***
Kien hemm xi nuqqasijiet bhala Quality Assurance ..

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Fis-sens ghal reprimand ma hemmx ghalfejn tistennew il-Qorti.

***Imhallef A Lofaro :***
Le.

***Ix-Xhud :***
No no no, le; din.. ippermettili. In-nuqqas illi sabu bhala audit. Ghax ahjar nispjegaw x' inhi l-funzjoni…

***Imhallef A Lofaro :***
Le dgia` qalilna c-Chairman ta; nafu.

***Ix-Xhud :***
Ok. Jigifieri dawn saru nuqqasjiet fil-process u hargu reprimand u qalulhom..; jigifieri qieghda publikata fuq il-website. Jigifieri tistghu tarawha.

***Imhallef J Said Pullicino :***
U Quality Assurance fuq allegazzjonijiet gravi ta' misdemeanors u hekk min-naha ta' accountancy? Intom min-naha ta'  audit biss il-Quality Assurance?

***Ix-Xhud :***
Le. Huma, jekk isir ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ha nghidlek ghalfejn qed nghidlek jien, ghax meta hargu Panama Papers konna forsi daqsxejn vagi. Meta hargu 17 Black daka specific allegations that specific root ta' kif ser jghaddu l-flus u dawn l-affarijiet; daka lilkom mhux kwistjoni ta' Quality ta' hasil? U dan qed nitkellmu qabel l-assassinju eh! Qabel l-assassinju, jigifieri dana i-fatti hargu qabel l-assassinju fejn wiehed seta' jghid hares, hawn dawn l-accountants permess ta' l-istrutturi tieghu ser jghaddu jew allegat li ser jghaddu dawn il-flus. I mean din allura searchlight ma jkunx hemm tal-Bord?

***Ix-Xhud :***
Ahna, hawnhekk ta' min jghid illi bhala Accountancy Board ghamilna zewg memoranda of understandings biex ntejbu l-koperazzjoni..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Iva kollox sew, imma ….

***Imhallef A Lofaro :***
Imma dika haga ohra ta.

***Imhallef J Said Pullicino :***
..ghamilna! ghax wara ghamilna kollox! Mhux intom biss ta’; issa ilum ghandna strutturi…

***Ix-Xhud :***
Issa saru zewg MOUs, wiehed ma’ l-FIAU u l-iehor mal-Malta Financial Services Authority. Issa l-FIAU jekk jiehdu xi azzjoni kontra xi accountant jinfurmawna; imbaghad ahna intellghuha Bord u … ..

***Imhallef A Lofaro :***
Il-kwistjoni tal-warrant dik tappartjeni lilkom biss.

***Ix-Xhud :***
Iva.

***Imhallef A Lofaro :***
Ma kellekx bzonn la l-Magistrat, la l-FIAU u l-lanqas l-MFSA; madanakollu ma ssospendejtux il-warrant.

***Ix-Xhud :***
No.

***Imhallef A Lofaro :***
Le?

***Ix-Xhud :***
Le ma gietx sospiz abbazi ta’ pariri li kienu inghataw lilna.

***Imhallef A Lofaro :***
Li issa rriduhom please ta, kollha. Irriduhom.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Inti u x-xhud ta qablek spjegajtu l-procedura tal-Quality Assurance Unit. Pero` l-infurzar tal-Kodici ta’ Etika kif isir?

***Ix-Xhud :***
Ara, fejn jidhol dan il-kaz partikolari hemm provision.. ghax il-Code of Ethics huwa mituh hafna. Imma fejn fejn jidhol provision ta’ self jekk ahna ser nigu ghal din l-allegazzjoni hemm provision illi jekk ikun hemm self ma jridx ikun materjal. Issa l-Quality Assurance Unit investigat din il-bica xoghol u ma ghandux parir biex ikun jaf jekk hix money laundering jew le. Ahna ma ahniex

il-Pulizija. Ma ghandniex investigative parts li ghandhom il-Pulizija. Ghaldaqstant stennejna li tohrog  l-outcome ta' l-Inkjesta beix nagixxu.

***Imhallef A Lofaro :***
Ta' l-Inkjesta; stennejna erba' snin u nofs; all right.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Pero` ha nghidlek, din l-affari ta' self u mhux self ..

***Ix-Xhud :***
Ghax imbaghad..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ifhimni, din tas-self hija ghalina immarginari, hija incident wiehed. Il-punt mhux is-self; il-conduct of the audit firm, tajjeb? Ghax dana huwa incident, qed nifhemu? U fuq dan ahna ma smajna xejn bhala prassi.

***Imhallef A Lofaro :***
Stennejtu erba' snin u nofs. Ok

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Xejn iktar Sinjuri Imhallfin.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Mela gibilna d-dokumenti l-ohrajn

***Ix-Xhud :***
..

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Bhala dokumenti l-pariri kollha, il-Quality Assurance report

***Ix-Xhud :***
Il-QAU u l-pariri kollha.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
U l-korrispondenza man-Nexia

***Imhallef J Said Pullicino :***
Relevanti ghan-Nexia dejjem

***Ix-Xhud :***
Mela korrispondenza ma' Nexia u l-pariri kollha

***Imhallef J Said Pullicino :***
Nirringrazzjak.

Din hija s-sustanza tax-xhieda ta' **Martin Spiteri** kif giet dettata minnu stess fil-prezenza ta' l-istess xhud.

Niddikjara li traskrivejt bl-ahjar hila tieghi x-xhieda ta' l-istess xhud.

Saviour Scicluna
Traskrittur